IX-XGĦAJRA

Minuti tal-Laqgħa Nru41 (Wieħed u Erbgħin) tal-Kunsill Lokali x-Xgħajra li saret fil-bini amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar it-Tlieta, 1ta' Novembru, 2016, fil-5.30pm

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Anthony Valvo |
| Il- Kunsilliera | Mary Doris Borg<br>Antonia Buttiġieġ<br>Joseph Azzopardi |
| **Skużat:** | Neil Attard |
| L-Uffiċjal<br>Is-Segretarju Eżekuttiv | Ranier Busuttil |

1. Item Nru 1 fuq l-Aġenda –Attendenza u apoloġiji.

   1.1 Is-Sur Neil Attard kien assenti mil-laqgħa minħabba raġunijiet ta' xogħol. Il-laqgħa bdiet fis-5.40pm.

2. Item Nru 2 fuq l-Aġenda – Qari tal-minuti – Il-minuti ttieħdu bħala moqrija.

   2.1 Minuti ttieħdu bħala moqrija u approvati

3. Item Nru 3 fuq l-Aġenda – Komunikazzjoni mis-Sindku

   3.1 SSTP – Is-Sindku qal li l- WSC qed jaħsbu li r-riħa ġejja mir-rikasoli imma mhux vera minn hemm ġejja.
   L-evaluation u l-kuntratt tal-landscaping lestewh u ilu għaddej 4 xhur. Suppost għandu jibda x-xogħol. F' Novembru suppost kellu jkun beda x-xogħol.

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

Saret diskussjoni.

Il-Kunsill qabel unanimament li nitolbu għal-laqgħa tal-Monitoring Committee u li għaliha ssir agenda kif ukoll minuti. Għal din il-laqgħa nistiednu wkoll lis-Sur Sandro Craus mill-OPM

Saret Mozzjoni li tgħid li l-Kunsill wasal fi stadju li noħorġu fit-toroq u nagħmlu protesti u li nġibu wkoll tal-istampa. Kien hemm qbil unanimu.

.

3.2 Sports complex – Nhar it-8 t' Ottubru kellna ċeremonja tal-iffirmar tal-kuntratt fejn fiha sar qbil li jkollna l-ewwel 75% minn qabel u mbagħad il-25% l-oħra kif jitlesta x-xogħol. Il-ġimgħa d-dieħla ser jiġi mgħoddi l-pagament.

Fil-kaz tal-Kunsill Lokali tax-Xgħjara x-xogħol li jrid isir huwa li jingħalaq l-isports Complex li hemm taħt il-bandli kif ukoll rampa u railing adegwat madwar is-sit u tkomplija tal-Landscaping madwar il-Greek Theatre. Il-ġimgħa li għaddiet ġie l-Perit Charles Buhagiar u l-perita miegħu fejn ser jaħdmu biex jitkompla il-proġett skond il-permessi. Qabel xejn irid isir survey ġdid tal-area quddiem l-isports complex u li ser jiswa madwar €350. Il-Kunsill qabel li jsir dan is-survey.

Il-Perit Buhagiar irid jgħidilna ta' x'kontijiet għandna lesti u xi tħallas il-kuntrattur tal-proġett s'issa biex imbgħad inkunu nafu x'fadal li għadu mhux imħallas. Dan għaliex hemm oġġetti li diġa' kienu fuq iċ-ċertifikati tal-Perit li jammontaw għal 90% tal-affarijiet.

Sospensjoni tal-laqgħa bejn is-6.10pm u s- 6.13pm

Tkompliet id-diskussjoni fuq il-proġett Sports Complex u saret diskussjoni.

Is-Sindku qal li qiegħdin niddiskutu sabiex il-fencing ta' madwar il-proġett kollu isir mill-Public Works.

3.3 GAL Xlokk – Il-Kunsill ġie mitlub jibgħat il-pożizzjoni finanzjarja tiegħu lid-Dipartiment tal-Lokali sa l-aħħar kwart tas-sena sabiex ikun jista' jkollu l-permess uffiċċjali biex jissieħeb mal-GAL Xlokk.

3.4 Knis fix-Xgħajra – Is-Sindku qal li l-knis ergajna qed isir minn persuna waħda. Dan ifisser li qed jerġa' mhux ilaħħaq it-toroq kollha tax-Xgħajra. Skond il-Kuntratt hemm miktub li kull triq trid issir ġurnata iva u ġurnata le. Il-kennies li qed ilaħħaq qed jagħmlu tajjeb pero' qed

iħalli ħafna toroq barra li ġieli qed idumu għal aktar minn xahar biex jiġu miknusa. Dan huwa inaċċettabbli u għalhekk nerġgħu nitkellmu mal-Kuntrattur biex intugħ l-aħħar avviż.

3.5 Dawl tal-bandli – Is-Sindku qal li d-dawl tal-Bandli bħalissa jinsab mitfi temporanjament. Dan biex jiġi evitat kull periklu minħabba xort fl-elettriku. Konna qiegħdin nieħdu d-dawl temporanju minn go l-Librerija. Issa rridu naraw kif nistgħu nirranġaw din il-problema għax irid isir metre tad-dawl ġdid u jkun imqabbad miegħu u dan il meter ma' jistax issir qabel jitlesta u jiġi iffinalizzat il-Proġett.

3.6 Is-Sindku qal li bħalissa għandna l-applikazzjoni tal-korsijiet tal-kompjuter għall-adulti u anzjani. Dan il-kors, bl-isem ta' EM Citizens, ser jittratta fuq l-użu tal-internet u l-apps. Il-Kunsill diġa' bagħat leaflets fir-residenzi kollha tax-Xgħajra kif ukoll għamel avviżi fuq Facebook u l-knisja waqt l-avvizi. Għalhekk is-Sindku ħeġġeġ lill-Kunsilliera biex jekk jafu lil xi ħadd interessat jinfurmawh u jinkoraġġuh biex japplika. Il-Korsijiet ser jibdew f' Dicembru.

4. Item Nru 4 fuq l-Aġenda –Approvazzjoni tal-Infieq

4.1 Pagamenti ġew approvati b'astenzjoni waħda.

5. Item Nru. 5 fuq l-Aġenda - Xogħol madwar ix-Xgħajra

5.1 Parapetti max-xatt - Ma kienx hemm aġġornament.

5.2 Bus shelter Penza – Is-Sindku qal li dan il-bus shelter sar wara ħafna talbiet mir-residenti kif ukoll wara li applikajna u għandna l-approvazzjoni ta' Transport Malta.

5.3 Il-Bus Shelter tal-ħġieġ li hemm fi Triq il-Fortizza tal-Grazzja, li filwaqt li ġejna avzati minn Transport Malta li ftit li xejn qiegħed jiġi użat, sar qbil li nitolbu l-Transport Malta biex flok fejn hu jmur fi Smart City. Għalhekk dan ikun ġest ta' għajnuna lil Smart City.

5.4 Il-Latrina pubblika – Din il-ġimgħa kellna laqgħa mal-Public Works fejn ġie wkoll il-Perit tagħhom. Dawn qed jindunaw li x-xogħol li sar ftit qabel is-Sajf irriżulta li sar għal xejn. Għalhekk qed jaraw il-possibbilta' li din il-latrina ttiwaqqa' u terġa' tinbena.

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

6. Item Nru. 6 fuq l-Aġenda – Attivitajiet Kulturali

6.1 Progett Europe for Citizens – Dan il-proġett kien suċċess. Irnexxielna inżommu mal-budget ta' €12,000 li kellna assenjati għalih. Parteċipanti kellna 71 barranin u 25 Maltin.

Il-Kunsill ta' Demir Kapija għamlilna stedina li għada mhux uffiċjali biex immorru l-Macedonia għal proġett tagħhom fl- 14 ta' Frar, 2017.

Il-Kunsill ta' Alsonemedi mill-Ungerija stiednuna sabiex nissiebħu fi Proġett magħhom ukoll għal 15 t' Awwissu, 2017.

L-attivitajiet li saru f'dan il-Proġett kienu kollha ta' interess għal parteċipanti kemm kbar kif ukoll żgħar.

6.2 Tradutturi mil-Unjoni Ewropea – Is-Sindku qal li kellu żjara minn 3 tradutturi barranin fejn qed jiltaqgħu mas-Sindki sabiex jipprattikaw iktar il-Malti. Dawn kienu Taljan, Franċiża u Belġjana. Dawn it-tradutturi riedu li nitkellmu biss bil-Malti.

6.3 Is-Sindku ppropona li bħal kull sena nerġgħu nagħmlu l-borża ta' San Martin għat-tfal ta' bejn it-3 u 10 snin. Din is-sena San Martin ser jiġi fil-weekend tat-12 u t-13 ta' Novembru. Kulħadd qabel ma' din il-proposta u l-Kunsill ser jibda jilqa' l-applikazzjonijiet.

6.4 Għoti tal-vaċċin tal-influwenza – Is-Sindku qal li nhar l-14 u l-15 ta' Novembru ser tingħata l-injection tal-Influwenza fil-Librerija. Għalhekk dawk li nkitbu se jiġu avżati liema ġurnata għandhom jiġu. Nirringrazzjaw lin-nurses li ser jiġu volontarjament sabiex jgħatu dawn l-injections lir-residenti. In-nurses se jkunu Anna Farrugia, Doreen Portelli u Connie Laloui.

6.5 L-attivita' kulturali li jmiss hija maħsuba li ssir nhar id-9 ta' Novembru fejn fiha hemm il-ħsieb li mmorru Sant' Iermu għaliex għandna offerta ta' prezz ridott ta' €1 kull persuna. Kulħadd qabel li ssir din l-attivita'.

IX-XGĦAJRA

7. Item Nru. 7 fuq l-Aġenda – Mistoqsijiet mill-Kunsilliera

7.1 Is-Sinjura Buttigieg staqsiet jekk huwiex possibbli li l-ġbir ta' skart tal-Court Sansousi fi Triq Karmelo Ritchie jibda' jsir minn ġewwa l-court stess u mhux minn fuq il-bankina. Dan għaliex qed jitħalla ħafna ħmieġ fuq il-bankina mill-likwidi li jħallu l-boroż. Għalhekk il-Kunsill qabel unanimament li nitkellmu mal-Kuntrattur sabiex jibda jidħol ġewwa mill-mixi u jiġbor il-boroż minn hemm. Bħala Kunsill ser nibgħatu karta lir-residenti sabiex iħallu l-boroż wara l-bieb tal-flattijiet u mhux fuq il-bankina.

8. Item Nru. 8 fuq l-Aġenda - Aġġornament

8.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.15pm

Aġġornament għat-Tlieta, 6ta' Diċembru, 2016 fil-5.30pm

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMAT |
| _______________________ | _______________________ |
| Ranier Busuttil | Anthony Valvo |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt